**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' Jannar 2016**

Rikors Guramentat Nru. 209 / 12RGM

Kawza fil-lista: 10

**A B**
**vs**
**L-Avukat Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi li b'digriet datat 13 ta' Frar 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C B ta' nazzjonalita' Ukrena**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fit-18 ta' Settembru 2012 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004), gewwa r-Registru Pubbliku ta' Malta, kif jirrizulta mid-dokument anness u markat dokument 'A';

Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti ma kellhomx tfal;

Illi l-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixxklet serjament il-hajja mizzewwga, ai termini tal-Artikolu 19(1)(C) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-

obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u

Illi oltre dan, l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m'ghandhiex taqta' u tiddeciedi billi:

Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ccelebrat izzewgu fis-16 ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004), gewwa r-Registru Pubbliku ta' Malta null u bla effett, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati pprezentata fit-13 ta’ Marzu 2014 li biha ddikjaraw li ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza u hekk kif l-attur jghaddilhom kull taghrif li ghandu, l-aktar l-indirizz ta’ martu C B, huma jaghmlu hilithom kollha biex jaqdu dmirhom kif imiss.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-15 ta’ April 2014 fejn il-Qorti nnominat lill-avukat Dottor Fransina Abela bhala Assistent Giudizzjarju;

Rat in-nota tal-attur ipprezentata fit-22 ta’ Dicembru 2014, li biha pprezenta l-affidavit tieghu;

Rat il-kontroezami tal-attur li sar fis-seduta tat-12 ta’ Frar 2015, mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju;

Rat n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur ipprezentata fit-23 ta’ Gunju 2015;

Rat in-nota ta’sottomisjonijiet tal-kuraturi pprezentata fis-27 ta’ Ottubru 2015;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti.

Ikkunsidrat;

**IL-PROVI.**

L-attur fl-affidavit tieghu, fol.35 et seq, iddikjara li ltaqa' mal-konvenuta f'jum ta' gheluq sninha, fis-16 ta' Marzu 2003, meta hu kellu 47 sena u hi kellha 32 sena. Hadu drink flimkien, wassalha l-lukanda, zammew kuntatt regolari u bdiet relazzjoni bejniethom. Wara xi gimghat qaltlu li kienet ser tiskadi l-visa, u biex itawlu 28 il-gurnata fuq id-data tal-iskadenza, ospitha fir-residenza tieghu. Wara, kellha tirritorna f'pajjizha fejn kellha tirrisjedi tifla ta' 12 il-sena. L-attur iddikjara li l-konvenuta kien qed ikollha problemi mal-Pulizija (Sezzjoni Immigrazzjoni) billi kien tenut tinghata raguni ghaliex riedet tigi Malta, kull darba li tintalab visa. Hu qal li darba gie d-diskors fuq zwieg u li kien ahjar jizzewgu biex b'hekk jevitaw proceduri burokrattici fit-tul. Hu qal li kull ma ried kien li l-konvenuta tghix mieghu minghajr irbit ta'xejn. Hu kien ser jibqa' maghha biss sakemm iz-zwieg ikun wiehed hieni, ma kienx ser jittollera giri barra u hrug esagerat. Ma kienx ser ikun il-persuna li jiffinanzja l-hajja socjali tal-konvenuta. Biex iserrah rasu li ma kinitx ser tizewwgu ghall-flus hadha ghand nutar u ghamlu kitba taz-zwieg, tieghu tieghu u taghha taghha.

Hu kkonferma li kien diga' mizzewweg qabel u ma kellux tfal, u ma kellu l-ebda intenzjoni jkollu familja maghha, u lanqas hi billi kienet tuza l-*mirena contraceptive coil* . Izzewgu ukoll f'jum gheluq snin il-konvenuta, fis-16 ta' Marzu 2004 ghal-liema zwieg skont l-attur kienet ipproponiet hi stess. Hu kkonferma li l-hajja mizewga kienet wahda pjacevoli, kienu johorgu hafna, jieklu barra, jikri farmhouses f'Ghawdex, gawdew hajja ta' xalar u lussu ferm differenti minn dak li kienet mdorrija f'pajjizha u kien anke ihallsilha biex tmur tara l-familja taghha.

Ezattament meta ghalqu hames snin mizzewgin, fis-16 ta' Marzu 2009, marru Kastilja, fuq xewqa taghha, biex jinbdew il-proceduri ghall-akkwist tac-cittadinanza Maltija. Fil-21 ta' April 2009, marret ma' bintha l-Ukrajna, hallsilhom hu, ghal tliet gimghat vakanza, li hi qalet biex tara lil missierha. Zammew kuntatt sa hmistax wara, qaltlu li kellha xi problemi bil-passaport tat-tifla, pero' wara, l-attur qal li qatghet kompletament kull komunikazzjoni billi la kienet tirrispondi it-telephone u lanqas il-messaggi.

Hu ddikjara li hassu li gie tradut minnha, billi sservit bih u wara sparixxiet u qatghet kull kuntatt. Ikkonferma li c-cittadinanza taghha kienet harget, billi cemplulu mid-Depot tal-Pulizzija biex jigbor id-dokumenti, u wara xi sena informhom li ma gietx lura u li ma kienx hemm aktar interess fl-applikazzjoni. Finalment ddikjara li zzewgitu ghar-ragunijiet personali taghha u mhux ghax xtaqhet tghix mieghu bhala martu.

Fil-kontoezami l-attur ikkonferma li hu kien diga mizzewweg fl-Ingilterra u ddivorzja fis-sena 1986, u li anke hi kienet divorzjata. Hu kien kuntent waqt iz-zwieg, iddikjara li ghalkemm kien hemm hsieb ta' zwieg fil-futur, iddecidew li jizzewgu tant malajr minnhabba l-problemi burokrattici li kien hemm dwar il-visa ghall-konvenuta u l-estensjoni taghha.

Waqt il-hames snin ta' zwieg it-tifla taghha kienet tigi Malta ghall-vakanzi minn Mejju sa Settembru, u wara ommha tohodha lura a spejjez tieghu. Wara t-tifla giet u baqghet hawn izda meta ghalqet it-18 il-sena, kellha tmur lura ma ommha, biex taghmel passaport gdid, suppost kellhom idumu tlett gimghat, pero' il-konvenuta qatghet il-konunikazzjoni kollha. Ic-cittadinanza taghha harget, izda hi ma gabrithiex billi kienet telqghet minn Malta u hu irritornaha lill-Pulizija.

**Ligi u Gurisprudenza.**

In tema legali ghandu jinghad illi l-Qrati taghna dejjem qisu l-istitut taz-zwieg bhala wiehed ta' ordni pubbliku u bhala tali jirrekjedi s-salvagwardi necessarji. Talba ghal dikjarazzjoni giudizzjarja li tnejn li resqu ghaz-zwieg effettivament ma izzewgu xejn tinhtieg li tkun sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-giudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost mill-ligi.

Fil-kawza fl-ismijiet"**Anna Tonna vs Alexander Tonna**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal hekk:

"F'materja ta' zwieg li hu ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facili li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facili u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilita' ta' xi kollizzjoni, imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccjozament wara xi zmien ta' zwieg jiddecidu li kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta ikollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux jkun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta'dak jew tal-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Zammit vs Bernardette Zammit**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006 ntqal hekk:

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun presunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-

allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni u cioe' li z-zwieg huwa null ghalhiex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn minn jallega."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Lulju 1987 ntqal hekk:

"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubbju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett.....Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".

Ikkunsidrat;

**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255**.

L-artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta'Malta jipprovdi illi zwieg huwa null jekk jirrizulta li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

L-attur jippremetti illi ghall-konvenuta z-zwieg tal-partijiet kien wiehed ta' konvenjenza. Dwar zwieg ta' konvenjenza gie ritenut li;

"Fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop tieghu uniku huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija u/jew id-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu." (**Mary Rose Abder Tahim vs Esam Abder Rabim** deciza fil-31 ta' Mejju 2000, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u **Carmen El Shimi gia' Tanti vs Ibrahim Mohammed Ibrahim El Shimi** deciza mill-istess Qorti fl-20 ta' Gunju 2002.)

Fil-kawzi fl-ismijiet" **Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**(P A 10-10-1995) u **Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk** (P A 16-01-1998) ntqal is-segwenti:

"Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment f'dawn il-kazijiet wiehed ma ghandux jistenna li jsib xi prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament".

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

L-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta ghandu jigi dikkjarat null u bla effett, billi il-kunsens tieghu nkiseb b'qerq fit-termini tal-Artikolu19(1)(c) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi il-kunsens tat-tnejn kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju fuq il-hajja mizewga fit-termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, skont l-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.
Fin-nota ta' sottomissjonijet tieghu, l-attur iddikjara li qed jillimita t-trattazzjoni ghal dak li jiddisponi l-artikolu 19(1)(f).

Dan gie interpretat mill-konvenuti kuraturi fol 63, li implicitament l-attur irrinunzja ghall-ewwel zewg kawzali. Ghalkemm din l-osservazzjoni hi fic-cirkostanzi lecita u legittima, ir-rinunja ma tistax tigi desunta izda ghandha tirrizulta minn dikjarazzjoni cara f'dan is-sens, esplicita u li ma thalli l-ebda dubbju dwar l-intenzjoni tar-rinunja tal-parti f'kawza. Il-fatt li t-trattazzjoni fin-nota tal-attur kienet limitata ghal wiehed minn tlett artikoli tal-ligi applikabbli ma jiffissirx u m'ghandux iffisser li b'daqshekk hemm rinunzja ghaz-zewg artikoli l-ohra.

B'applikazzjoni tal-ligi u gurisprudenza fuq citata ghall-kaz in ezami, wiehed ghandu jikkonsidra jekk mill-provi jirrizultax jew le li l-konvenuta izzewget lill-attur semplicement biex ma jkollhiex problemi ta' visa u biex eventwalment takkwista c-cittadinanza Maltija. Mill-provi rrizulta li l-partijiet ltaqghu fis-16 ta' Marzu 2003 u zzewgu sena wara fis-16 ta' Marzu 2004. Il-konvenuta telqet definittivament minn Malta fis-16 ta' Marzu 2009. Il-kawza saret kontra **kuraturi** biex jirrapresentaw lill-konvenuta billi din kienet assenti u l-attur baqa' jsostni li ma jafx fejn qed tirrisjedi. Il-konvenuta ma xehedhitx f'din il-kawza, dan jfisser li ma tirrizulta l-ebda dikjarazzjoni esplicita da parti taghha dwar l-intenzjoni taghha, pero' kif jghidu s-sentenzi in materja, tali intenzjoni tista' tigi manifesta wkoll implicitament.

Huwa pacifiku illi ghall-persuna mill-Ukrajna li mhux pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea, cittadina mill-Ukrajna bhall-konvenuta, jehtieg li qabel tidhol Malta tapplika ghall-visa, fejn fost affarjiet ohra trid tiddikjara ir-raguni tal-vizita bhal per ezempju vakanza. Meta tigi milquha il-visa jkollha permess ta' residenza b'termini ta' xahar jew xaharejn. Dan jfisser li f'perjodu relattivament qasir ta' sena dan l-esercizzju jrid jigi ripetut diversi drabi, sitwazzjoni partikolari li ghall-applikant regolari tista' tikkostitwixxi inkonvejent u burokrazzija esagerata.

Huwa rilevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza illi appena ghalqet hames snin tirrisjedi hawn Malta l-konvenuta applikat ghac-cittadinanza Maltija u ftit wara abbandunat lill-attur u ma regghatx irritornat u qatghet kull kuntatt mieghu. Billi l-applikazzjoni saret ezatt f'gheluq il-hames snin mill-jum taz-zwieg tal-partijiet u

billi xahar wara il-konvenuta telqghet minn Malta u qatghet kull kuntatt mal-attur, huwa indizju b'sahhtu illi l-intenzjoni vera u proprja tal-konvenuta meta resqet ghaz-zwieg mal-attur kienet dik li takkwista c-cittadinanza Maltija u xejn aktar. Huwa evidenti illi l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat stante li l-konvenuta kienet qed teskludi pozittivament iz-zwieg innifsu. Il-prossimita' tad-dati bejn l-akkwist tac-cittadinanza Maltija mill-konvenuta u l-abbandun da parti tal-konvenuta mhux biss tal-attur izda wkoll ta' dawn il-Gzejjer u dimostrazzjoni ta' intenzjoni frawdolenti da parti tal-konvenuta fil-konfront tal-attur. Analizi tat-testimonjanza tal-attur twassal lill-Qorti ghall-konkluzzjoni illi ghall-konvenuta dak tal-partijiet ma kien xejn aktar minn zwieg ta' konvenjenza.

Il-Qorti ghalhekk qed tiddikjara illi l-kunsens tal-konvenuta kien simulat peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu fit-termini tal-artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi mhux necessarju li jsiru konsiderazzjonijiet ulterjuri fil-kuntest tas-subincisi (1) (c) u (d) tal-istess Artikolu.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta tal-kuraturi deputati ghall-assenti, tilqa' t-talba tal-attur u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fis-16 ta' Marzu 2004 fir-Registru Pubbliku ta' Malta, hu null u bla effett fil-ligi ai termini tal-artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**